MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 28**

**l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026 fis-6:15 ta filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**28.1 Talba;**

28.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:15 ta filgħaxija peress li ma kienx hemm residenti għall-laqgħa tal-Komunita, u bi qbil unanimu bejn il-membri il-laqgħa nbdiet qabel u bi qbil ukoll intqagħlet it-talba tal-bidu.

**28.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT28.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

28.2.1 Għal din il-laqgħa ma kienx hemm ittri t'apoloġiji peress li l-membri kollha kienu prezenti.

**28.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

28.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 27 ġew ċirkulati u moqrija.

28.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezjonjijiet għall-minuti.

28.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**28.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

28.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 22/2026 għall-perjodi bejn it-08 ta' Jannar u t-18 ta' Frar 2026 li tammonta għal €28,618.26 ġiet approvata u iffirmata.

**28.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

28.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, irringrazzja lil membri li taw is-sapport tagħhom waqt l-attivita' tal-Karnival u informa lil membri li l-kunsill irċieva għadd ta kummenti positivi fuq din l-attivita'. Hu semma ukoll li jekk is-sena d-dieħla jkun hemm fondi għal-Karnival hu kien tal-idea li nieħdu l-opportunita biex inkabbru din l-attivita'.

28.5.2 Is-Sindku informa lill membri li nhar il-Ħamis 26 ta' Frar se jkun qiegħed issejjaħ laqgħa ma dawk li se jkunu qed jieħdu sehem fl-attivita' ta Mejju – dawl, entertainers, u Sound biex flimkien jiġi deċiż data alternettiva tal-event u l-andament tal-*event*. Il-ħin se jkun ikkonfermat aktar tard biex jinstab ħin tajjeb għal kullħadd u jekk l-membri ma jkunux jistaw jattendu jiġu aġġornati fuq dak li jiġi diskuss f'din il-laqgħa.

28.5.6 Is-Sindku ressaq għad diskussjoni proposta ta permess li ġie propost fi Triq John Gaspard Le Merchant. Il-membri qablu li ssir oġġezzjoni peress li din l-applikazzjoni qeda ġo zona Natura 2000. Il-membri preżenti qablu unanimament li ssir oġġezzjoni mill-perit Scerri.

28.5.7 Is-Sindku ressaq il-punt tas-safra f'Settembru u li ma kien hemm l-ebda interess mir-residenti. Hu fakkar li din ġiet proposta mir-residenti stess.

Waqt id-diskussjoni ġie imsemmi l-fatt li jista jkun li aħna iddeċidejna fuq żmien mhux daqshekk ideali għar-residenti.

**28.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

28.6.2 Il-Kunsillier Joseph Mercieca resaq proposta li l-kunsill jibgħat ittra uffiċċjali lil Għaqda Armar biex jiżżarma l-armar tal-Milied li għadu armat u li qed jirrifletti negattiv fuq il-kunsill. Il-membri qablu unanimament.

28.6.2.1 Il-Kunsillier Joseph Mercieca informa lill membri l-applikazzjoni tal-Erasmus ġiet sottomessa.

**28.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

28.7.1 Is-Segretarju aġġornat il-membri dwar il-*patching* li sar fi Triq il-Kappillan Hili sar b'suċċess u kollaborazzjoni mal-Ministeru.

28.7.2 Is-Segretarju resqet t-talba tas-Sinjura Pauline Grech li xtaqet li tingħata attenzjoni dovut lir-rikjesta tagħha dwar *Loading/Un Loading Bay.* Is-Segretarju infurmat lill membri li hi ikkonfermat lir-resdenta li hekk kif issir it-triq ikun qed issir ukoll *Traffic Management Plan* għal din it-triq.

28.7.3 Is-Segretarju resqet ukoll rikjesta li rċieva l-kunsill biex isssir tindif tal-qasab fil-bidu tal-Wied tax-Xlendi li qied fil-limiti tal-Fontana. Il-membri qablu li jibda l-proċess mal-ERA biex jigwidawna kif nistaw nagħmlu dan ix-xogħol.

28.7.4 Is-Segretarju aġġornat lil membri dwar iċ-ċirkostanza tat-talba li ssir mera għall-garaxxijiet tal-binja *St. Julians Residence.* Waqt din id-diskussjoni fuq din it-talba, is-segretarju infurmat lill membri li l-kunsill irċieva ittra bl-avukat li ġiet ippreżentata u ġiet moqrija lill membri filwaqt li ġiet iprezentata ukoll l-approvazzjoni minn TM li turi l-post fejn se titwaħħal il-mera. Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiż li nagħmlu kuntatt ma TM biex naraw jekk hemm xi alternattivi biex nevitaw aktar disgwid bejn ir-residenti.

28.7.5 Is-Segretarju resqet it-talba biex mera li tinsab ftit l-isfel minn ta' Lippu u li fil-prezent qeda imwaħla ma binja timxi għal fuq arblu. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezjoni.

KUNSILL LOKALI FONTANA

28.7.6 Is-Segretarju resqet ilment dwar permess ta parkeġġ fi Triq Kappillan Hili. Dan l-ilment hu dwar vettura li għanda *parking permit* tal-Fontana u tar-Rabat imwaħħlin fuq il-*windscreen*. L-fatt inkwetanti aktar minn hekk hu li matul l-*weekend* il-permess tal-Fontana ġie imġedded u dan ma sarx mill-uffiċju tagħna. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-kunsill jibda proċess li dawn il-permessi jiġu printjati fuq karti uffiċjali bħal tal-liċenzji.

28.7.7 Is-Segretarju aġġornat lil membri dwar ir-*Reserved Parking* ta' Triq il-Kappillan Hili. Din is-sitwazzjoni kienet diġà ġiet diskussa fl-laqgħa oħra, meta ġie ippreżentat li dan il-parkeġġ jiġi parti minnu ġo l-entratura ta *Fontanella Gardens*. Hi ppreżentat l-*location* amendata għall-approvazzjoni tal-membri. Il-membri qablu ma dak propost filwaqt li talbu biex niġbdu l-attenzjoni tat-TM li dan issir ta daqs li jista jintuża l-lifter u ma jkunx qed jostakola l-aċċess tal-garaxx li jinsab maġeb dan il-parkeġġ.

28.7.8 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date received | Date sent | From | Title |
|---|---|---|---|
| 08/01/2026 | 08/01/2026 | Superintendence of Cultural Heritage | Scanning of underground cultural heritage spaces |
| 09/01/2026 | 09/01/2026 | Office of the Ombudsman | Ensuring Safe and Unobstructed Mobility on Public Pavements and in Public Places. |
| 09/01/2026 | 09/01/2026 | AKL | Cir AKL 2026/003_International Epilepsy Day |
| 15/01/2026 | 15/01/2026 | Nicky Saliba | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 16/01/2026 | 16/01/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/005_Dokumenti LCA 2025. |
| 16/01/2026 | 16/01/2026 | AKL | Circular AKL 2026/007_Kors online fil-Kitba bil-Malti (MQF 5). |
| 19/01/2026 | 19/01/2026 | Gozo Association for the Deaf | World Hearing Day - Free Hearing tests for Residents. |
| 22/01/2026 | 22/01/2026 | Nicky Saliba | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 26/01/2026 | 26/01/2026 | Reġjun Għawdex | Aġenzija Żgħażagħ's Youth Information Ambassadors |
| 26/01/2026 | 26/01/2026 | DLG | Teatru Manoel TOI TOI 1984 - Booking Discount |
| 26/01/2026 | 26/01/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/009_Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attivita tal-Earth Hour 2026. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 26/01/2026 | 26/01/2026 | International Centre for Parliamentary Studies | Build Leadership, Policy & Delivery Capability in 2026. |
| 28/01/2026 | 28/01/2026 | Malta Crafts Foundation | Ta Qali Carnival Poster |
| 28/01/2026 | 29/01/2026 | AKL | Circular AKL 2026/010_Bridges of Trust: Laqgħa Online. |
| 02/02/2026 | 02/02/2026 | Climate Walker | A whole Malta walk and cleanup as a tribute to the island and 12,000 km climate walk to India. |
| 03/02/2026 | 03/02/2026 | Reġjun Għawdex | New Legislation on Balloons and Plastic Confetti. |
| 04/02/2026 | 05/02/2026 | Sara Feigo | EU project Step-WISE - Invitation to training on Clean Energy Transition Planning. |
| 05/02/2026 | 05/02/2026 | Community TCTC Malta | Summer Courses - Responsible Use of Microsoft Copilot for Kids (Ages 8–12) - TCTCMalta |
| 06/02/2026 | 06/02/2026 | AKL | AKL 2026/013_Risk Assessments għall-Avvenimenti Pubbliċi. |
| 09/02/2026 | 11/02/2026 | BillyJMCBee | Petition regarding the adoption of humane pigeon population control methods in Malta and Gozo. |
| 09/02/2026 | 11/02/2026 | AKL | Ciculari AKL 2026/015_Invitation Webinar 25 February: ALDA+ Training Courses. |
| 06/02/2026 | 11/02/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/014_Prime Minister School – Inizjattiva ta' Tmexxija u Parteċipazzjoni Ċivika għat-tfajliet. |
| 09/02/2026 | 11/02/2026 | DLG | Urban Newsletter – Vol. 1/2026. |
| 11/02/2026 | 11/02/2026 | Reġjun Għawdex | Launch of Wonder of Gozo |
| 11/02/2026 | 11/02/2026 | ERA | Public consultation meeting on the draft Dwejra Protection and Management Regulations, 2026. |
| 11/02/2026 | 11/02/2026 | AKL | Cirkulari AKL 2026/016 Żjara ta' Studju f'Rimini. |
| 12/02/2026 | 12/02/2026 | Nicky Saliba | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 12/02/2026 | 12/02/2026 | NAF Malta | stedina għat-Taħdita: Il-Kumpless Storiku ta' Sant'Agata \| Raymond Saliba \| 19 ta' Frar, 10 am. |
| 12/02/2026 | 12/02/2026 | ERA | seminar between ERA and the Regional and Local Councils. |
| 12/02/2026 | 12/02/2026 | Reġjun Għawdex | Launch of European Region of Gastronomy 2026 - From Past Food to Future Food. |
| 13/02/2026 | 13/02/2026 | Sara Feigo | invitation to training on Clean energy transition planning. |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13/02/2026 | 14/02/2026 | AKL | Cir AKL 2025/054 Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE : 1 sa 3 t'Ottubru 2025. |
| 16/02/2026 | 16/02/2026 | DLG | Revision of the Electoral Registers |
| 17/02/2026 | 17/02/2026 | AKL | Circular AKL 2026/017_Invitation for a webinar on the 27th of February for Local Councils. |
| 18/02/2026 | 18/02/2026 | AKL | Cirkulari AKL 2026/018_Bus Shelters Seminar 26/03/20. |
| **Talbiet/Ilmenti** | | | |
| 16/01/2026 | | Mario Cassar | Patching fi Triq il-Kappillan G Hili |
| 20/01/2026 | | Pauline Grech | Talba mingħand s-Sa Pauline Grech sabiex terġa tiġi diskussa t-talba tal-Un/Loading Bay quddiem il-ħanut |
| 23/01/2026 | | | Talba biex jinqata u jitnaddaf il-wied tax-Xlendi |
| 27/01/2026 | | Joseph Attard | Talba sabiex tinqala il-mera minn mal-faċċata tiegħu, 17 Triq l-Isptar San Ġiljan |
| 06/02/2026 | | | Diversi Imenti dwar karozzi pparkjati mingħajr permess fi Triq il-Kapp. G Hili |
| 11/02/2026 | | Herbert Bezzina | Talba biex tiġi approvata t-talba tar-Reserved Parking Bay quddiem dar 87 fi Triq il-Kapp. G Hili |
| 13/02/2026 | | Victor Grima | Ilment dwar sewqan eċċessiv fi Triq il-Qalb Ta' Gesu |
| 17/02/2026 | 17/02/2026 | Daniel Mercieca | Talba biex il-mera approvata li teħel quddiem tiegħu, titwaħħal l-isfel min tiegħu. Triq l-Isptar San Ġiljan |

## 28.8 Budget 2026;

28.8.1 Is-Sindku ippreżenta il-*Budget 2026* u reġa ikkonferma mal-membri l-proġetti li se nipjanaw li jsiru matul din is-sena. Hu ta spjega tas-sezzjonijiet u alloka ħin biex l-membri jistaqsu. Il-Budget ġie approvat unanimament u ġie iffirmat mis-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv.

## 28.9 Traffic Management Plan;

28.9.1 Is-Sindku ippreżenta it-*traffic management* kif ġie ippjanat mill-Perit. Dan ġie spjegat u il-membri qablu li dan jiġi propost lil TM. Il-kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li wara li jiġi approvat naraw min mir-residenti irrid *id-double yellow line* mal-garaxx tiegħu u jekk ma jkunx

irrid, dan ma issirx, biex ma jillimitax il-qies ta parkeġġ quddiem id-dar tiegħu. Il-kunsillier Joseph Mercieca ġibed l-attenzjoni dwar il-parti ta ġewwa tat-triq biex jiġi assigurat li meta jsir il-*parking bay* f'din il-parti jibqa aċċess bil-karozza għar-residenti. Il-membri qablu li jiġi pproċessat il-pjan ma TM.

**28.10 Performance Appraisal staff 2026;**

28.10.1 Is-Segretarju talbet l-approvazzjoni tal-membri biex tikkonferma il-persentaġġ ta 10% lil Chrismar Xuereb u Joseph Bajada. Hi ħadet din l-opportunita biex tinforma lill-membri li Joseph Bajada ta ir-rizenja tiegħu hekk kif ġie magħżul għal xogħol ġdid u li waqt l-intervista infurmawh li x-xogħol fil-kunsill joħloq konflitt ta' interess. Il-membri approvaw il-*performance bonus* unanimament. Is-Segretarju infurmat lill membri li hi ġiet mogħtija 14% Performance Bonus.

**28.11 Ħatra ta' Aġent Segretarju;**

28.11.1 Is-Sindku informa lill membri li fil-prezent il-kunsill m'għandux Aġent Segretarju u b'konsultazzjoni mas-Segretarju qed jipproponi li jinħatar Chrismar Xuereb. Is-Segretarju ikkonfermat li hu eleġibli peress li jissodisfa il-kriterji mitluba. Il-membri qablu unanimament.

**28.12 Aġġornament tal-proġetti u skemi;**

Is-Sindku informa lil-membri li l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku daqt jasal għal-bejt u wasal iz-zmien li jinħareġ it-*Tender*. Hu ippreżenta il-*BOQ* ta kif qed jipproponi li jinħareġ it-*Tender* u ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Engineer Simon Mizzi biex jiġi diskuss il-BOQ qabel ma jinħareġ it-*Tender*.

**28.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-09:00 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar il-Erbgħa 25 ta' Marzu fit-06:30 p.m.

Konfermati, llum, l-Erbgħa, 25 ta' Marzu, 2026.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA